**MALTA**
**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D.**

**Seduta tas-16 ta' Jannar 2019**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Emanuel Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Emanuel Camilleri** ta' 56 sena, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 454959M, fejn gie akkuzat talli nhar it-23 ta' Frar 2016 ghall-habta ta' 17.00hrs fl-ghalqa bl-isem 'Giovaddu Dokkiena' li tinsab fi Triq is-Salini, Naxxar u fil-gzejjer Maltin, minghajr hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita' jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu nnifisu, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun, jew fixkel lil Giuseppe Camilleri, fil-pussess ta' hwejgu, b' xi mod iehor, kontra l-ligi jew indahal fi hwejjeg ta' haddiehor.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija quddiem din il-Qorti kif diversament ippreseduta.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti fuq ir-reat ta' ragion fattasi.

**Xhieda prodotta**

Mill-**Affidavit** ta' PC 249, irrizulta li Giuseppe Camilleri u martu Yvonne Camilleri marru l-ghassa tan-Naxxar fit-23 ta' Frar 2016 ghal 20.30 hrs u raportaw li Emanuel Camilleri dakinhar stess ghall-habta ta' 17.00hrs kien qaleb il-hajt tal-ghalqa li ggib l-isem 'Giovaddu Dokkiena'. Fl-affidavit, gie dikjarat li Giuseppe Camilleri u Yvonne Camilleri pprezentaw lil PC 249 rcevuta tal-qbiela li jhallsu fir-rigward ta' din l-ghalqa, izda din l-ircevuta ma gietx ezebita fl-atti.

Fl-istess affidavit, gie dikjarat li meta gie mtikellem Emanuel Camilleri, dan stqarr li Giuseppe kien qed jitfa' l-gebel fl-moghdija li hemm bejn zewg ghelieqi taghhom u hu kulma ma kien qed jaghmel kien li jitfa' l-gebel f' posthom. L-istess Emanuel Camilleri gie dikjarat li qal li qatt ma kien hemm hajt hemmhekk.

**Giuseppe Camilleri** insista li fl-ghalqa in kwistjoni, fix-xitwa, hemm moghdija li tibqa' tiela' mal-hajt u li hija biss bil-mixi. Spjega li meta huwa jizra' l-ghalqa in kwistjoni, huwa jaghmel stop sign, ossija erba' gebliet fuq xulxin, sabiex jindika li hemmhekk mizrugh. Insista li huwa qatt ma ghalaq passaggi u ma ghalaqx rampa ezistenti. Sostna li huwa ra lil Emanuel Camilleri jaqleb dan il-gebel ghal isfel u qalbu gol-kanal ta' l-ilma.

**Emanuel Camilleri** xehed illi huwa ghandu ghalqa f' dawn l-inhawi u ried jitla' bil-mutur minn gor-rampa, izda r-rampa sabha ostakolata bil-gebel li ghamel Giuseppe Camilleri. Qal li huwa nehha dan il-gebel li jaghmel Giuseppe Camilleri f' diversi okkazzjonijiet izda ma jiftakarx li nehha l-gebel fid-data tat-23 ta' Frar 2016. Sostna li gie maghluq l-access.

**Ikkunsidrat:**

**Gurisprudenza**

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Georgina Gauci**, deciza fis-7 ta' Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet hekk:

> *"[F]il-ligi taghna r-reat ta' ragion fattasi mhux meqjus bhala delitt kontra l-proprjeta' izda bhala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u amministrazzjonijiet pubblici ohra".*

*Illi l-Qorti tinnota li huwa ormai stabbilit li l-elementi kostitutivi tar-reat ta' ragion fattasi, huma erbgha, u cioé:*

*"(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra lopposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor;*

*(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;*

*(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u*

*(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, **Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia**, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia**, Appell Kriminali 17 ta' Frar, 1995; **Il-Pulizija vs. Carmelo Ciantar**, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., Annotazioni alle Leggi Criminali (Malta), 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' ragion fattasi jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' ragion fattasi jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika". (Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Lungaro**, 18 ta' Novembru 1996.)"*

Ai finijiet tar-reat ta' ragion fattasi "*il-pussess materjali, jew detenzjoni, hu sufficjenti ghall-avverament tal-ipotesi tal-ligi*" (ara Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Zahra**, - 16 ta' Lulju 1958 - Vol. XLII.iv. 1453). Taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali

m'hemm ebda bzonn li jigi ppruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk.

Il-Qorti tirrileva li ai fini ta' dan ir-reat m'hemmx lok li jigi ppruvat it-titolu; huwa necessarju biss li l-prosekuzzjoni tipprova il-pusess u li tali pussess gie mfixkel b'azzjoni ta' terzi sabiex b'hekk il-possessur ma setghax igawdi il-pussess liberu tal-oggett.

Skond sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet il-**<u>Pulizija vs John Dimech</u>** deciza nhar l-24 ta' Gunju 1961, intqal li "*id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat-tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu".*

Effettivament jidher car bl-artikolu msemmi, li l-Ligi trid tipprotegi l-istatus quo kontra min jiehu l-Ligi b'idejh, indipendentement minn jekk l-aggressur jew il-vittma jkollux dritt jew le.

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Eileen Said</u>** deciza nhar id-19 ta' Gunju 2003 fejn gie enfasizzat li "*element kostituttiv ta' dan ir-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju. Ghalhekk hemm bzonn li ssir indagini fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li kkommettiet dan ir-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu it-tgawdija taghha."*

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat nehha dan il-gebel ('l hekk imsejha *stop sign)* meta nnota li effettivament ir-rampa minn fejn kien jghaddi kienet giet ostakolata b' dan il-gebel. Dan il-gebel tpogga minn Giuseppe Camilleri u Emanuel Camilleri ghamel din il-manuvra ta' tnehhija malli nnota l-istess gebel. M' hemmx dubbju li kien Giuseppe Camilleri li ghamel dan il-gebel (hekk kif deltronde kkonferma hu stess) u kien f' dan il-mument li tnehha dan il-gebel.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta l-appelli kriminali fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Alfred Garroni</u>** deciza nhar l-10 ta' Jannar 1983 fejn inghad is-segwenti meta l-Qorti ghamlet referenza ghall-awtur Taljan Maino *"la massima via vi*

*repellere licet non e soltanto appplicabile alla repulse delle offese personali essa si estende a qualunque repulse di ingiusto attacco alla proprieta, quando la difesa si eserciti entro I limiti del moderame."*

F'dak il-kaz, l-imputat u martu kienu separati de facto. Peress li d-dar konjugali kienet proprjeta parafernali ta' mart l-imputat, hija biddlet s-serratura tal-bieb. L-imputat sgassa l-bieb u dahal fid-dar biex jiehu l-oggetti tieghu. Bdew proceduri kriminali kontrih billi gie allegat li meta sgassa l-bieb, ikkommetta r-reat ta' ragion fattasi. L-ewwel Qorti argumentat li billi ghamel hekk l-imputat, ma kienx hati ta' dan r-reat u dan peress li ghamel dak li kellu dritt jaghmel. Il-prosekuzzjoni appellat minn din is-sentenza.

Fis-sentenza taghha, il-Qorti tal-Appell filwaqt li cahdet l-argumenti tal-prosekuzzjoni, iddikjarat:

> *"Li l-appellant ghalhekk, fuq l-bazi tal-ligijiet civili tal-pajjiz u senjatament minhabba li hu f'dan il-kaz l-enfitewta kif wkoll l-kap tal-komunjoni tal-akkwisti u tenut kont li d-dar in kwistjoni hija d-dar konjugali, mhux biss ma kisirx l-ligi meta qabad u sgassa, izda ddefenda d-drittijiet tieghu meta martu uzurpathomlu b'mod li ebda ligi ma tista tikkundanna. Ikun assurd li din il-Qorti tinjora d-dispozizzjonijiet kollha tal-ligi civili in materja... Barra minn dan l-istess argumenti din il-Qorti messha wkoll, konfrontata bl-awturi li kkonsultat, inkluz l-Carrara, li ma jghidx biss dak li qal l-gharef prosekutur, izda anke jirrribadixxi d-dritt tac-cittadin li jiddefendi hwejjgu. A skans ta' hafna citazzjonijiet din il-Qorti sejra biss tirrapporta parti mill-Maino – Commento al Codice Penale Italiano, 3a ediz. 1913 Parte II, para 1189 li f'partijiet jiccita l-istess Carrara…*
>
> *Biex zgur ma jkunx hemm bzonn ta' elucidazzjonijiet ulterjuri 'non commetto reato colui che ha agito nella necessita' di difendere il proprio possesso, anziche' col proposio di turbara l'altrui. La massima via vi repellere licet non e' soltanto applicabile alla repulsa dello offeso personali: essa sie*

*stende a qualque repulsa di ingiusta attacco alla proprieta', quando la difesa si eserciti entro I limiti dell maderame."*

Kif jghallem Giulio Crivellari fi *Il Codice Penale per il Regno d'Italia interpretato sulla scorta ecc.* UTET, 1895 :

*"La massima vim vi repellere licet, come l'altra qui continuat non attentat…escludono l'esercizio arbitrario. Egli e` percio` che se per togliere il mio diritto di passaggio si erigera` una siepe, in quello stesso momento avro` diritto di abbatterla, allora respingero` un arbitrio, ma non commettero` mai un atto arbitrario."*(Vol. VI pagna 751 (para. 303).

Ghaldaqstant, fid-dawl tal-principji legali fuq enuncjati, il-Qorti ma thossx li l-imputat ghandu jinstab hati tar-reat ta' ragion fattasi ghaliex nehha l-gebel li tpoggew mill-kwerelat.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Emanuel Camilleri hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnha.**

| | |
|---|---|
| **Dr Simone Grech LL.D.** | **Karen Falzon** |
| **Magistrat** | **Deputat Registratur** |